23 ta' April, 1945.

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*

L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.

L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

**Gio Batta Gauci et. *versus* Andrea Cauchi et.**

**Permuta — Simulazzjoni.**

*F'dana l-każ ġie ritenut illi l-permuta li saret bejn il-partijiet, ta' biċċa raba' ma' modd qamħ, għal dak li jirrigwarda l-parti l-kbira tal-prezz, ossija tal-valur fissat għar-raba', kienet reali, u mhux simulata; u dan kuntrarjament għal dak li kienet irriteniet il-Qorti ta' l-Ewwel Istanza.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-atturi quddiem il-Prima Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tiegħu r-Re, fejn ippremettew illi fl-att tal-permuta pubblikat min-Nutar Emmanuele Agius fis-16 ta' April 1942, il-konvenuti akkwistaw apparentement bi bdil, fil-fatt b'xiri, mingħand Vincenza mart Giovanni Mifsud mill-ħamsa wieħed (1/5) mhux maqsum ta' l-utili dominju tal-għalqa iżjed 'il quddiem imsemmija, kontra as-

senjazzjoni li huma għamlu lil Mifsud ta' modd qamħ ta' Malta, bil-valur ta' £9 u żieda ta' £25 flus, liema qamħ Mifsud iddikjara li kienet irċeviet mingħand il-konvenuti qabel l-att; u li huwa b'ċedola tar-retratt u eżerċizzju ta' preferenza tat-30 ta' Marzu 1943, irkupraw u eżerċitaw il-preferenza kontra l-konvenuti fuq dik l-għalqa; u talbu li jiġi dikjarat illi l-kuntratt fuq imsemmi tas-16 ta' April 1942, għalkemm mill-partijiet imsejjaħ kuntratt ta' bdil, huwa in realtà kuntratt tal-bejgħ, sija għaliex il-merkanzija li ġiet apparentement mibdula, kif ġie ritenut mill-ġurisprudenza, mhijiex tali li għandha valur artistiku u valur ieħor li jilleġittima l-konferma tal-permuta, sija għal kwalunkwe raġuni oħra valida fil-liġi; u f'każ biss ta' eżitu favorevoli ta' l-ewwel domanda (2) jiġi dikjarat validu l-eżerċizzju ta' retratt u eżerċizzju ta' preferenza magħmul minnhom kontra l-konvenuti biċ-ċedola fuq imsemmija, sija bit-titolu tal-konsorzju fl-utili dominju, sija bis-servitujiet u titolu ta' viċinanza msemmijin fl-istess ċedola, u bi kwalunkwe titolu ieħor validu fil-liġi, u għalhekk jiġu l-konvenuti kundannati jirrivendu u jirrilaxxjaw favur tagħhom il-kwinta parti (1/5) mhux maqsuma ta' l-utili dominju għaż-żmien ta' erbatax-il sena oħra ċirka mill-enfitewsi oriġinarja ta' porzjoni raba' mlaqqma "L-Għarmier" fil-kuntrada "Ta' l-Aħrax", limiti tal-Mellieħa, tal-kejl ta' erbat itmien u sitt kejliet, tmiss min-nofs inhar ma' raba' ta' Spiridione Grima u tagħhom, mit-tramuntana ma' raba' ta' Carmelo Gauci (recte Borg) mil-lvant ma' raba tal-konvenuti, u mill-punent ma' raba' tagħhom, soġġetta l-intiera għalqa għall-ħlas ta' ċens ta' 2s. 3d. u piż ta' quddies 16s. 3d. għaż-żmien li baqa' mill-enfitewsi, billi jiġi fissat żmien perentorju għal din ir-rivendizzjoni; u wara li dan jgħaddi inutilment, billi l-istess rivendizzjoni tiġi dikjarata magħmula "ope sententiae"; bl-ispejjeż tal-ġudizzju;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti fuq imsemmija fid-29 ta' Jannar 1945, fejn laqgħet it-talbiet, u għall-fini ta' l-aħħar talba tat lill-konvenuti tmintax-il ġurnata żmien għar-rivendizzjoni, liema terminu kellu jibda jgħaddi minn meta

l-atturi jħallsu jew jiddepożitaw favur il-konvenuti l-ispejjeż leġittimi magħmula mill-konvenuti, u tat provvedimenti oħra; u ordnat li l-ispejjeż iħallsuhom il-konvenuti; wara li kkunsidrat;

Illi mill-provi rriżulta sodisfaċentement illi l-ftehim tal-bidla tal-modd tal-qamħ ma biddelx is-sostanza reali tal-kuntratt, għax il-qamħ ġie stmat u mill-ewwel ġie mibjugħ, tant li l-venditriċi qatt ma ratu, u għalhekk sar bejgħ u mhux permuta, u l-modd qamħ kien qiegħed jaħbi l-prezz stabbilit, u għalhekk l-atturi setgħu jeżerċitaw id-dritt li eżerċitaw;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenuti u l-petizzjoni ta' ... ħhom, fejn talbu illi t-talbiet ta' l-atturi jiġu riġettati bl-ispejjeż, u s-sentenza fuq imsemmija tiġi għalhekk revokata;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi mix-xhieda ta' Antonio Pio Naizer, li tista' tgħid mexxa huwa l-operazzjoni kollha, jidher illi l-permuta kienet reali. Infatti wara li ġie stabbilit bejnu u bejn Ganni Mifsud, ir-raġel tal-venditriċi, il-prezz ta' £14, dan qallu illi però huwa minn dawk l-£14 irid modd qamħ, u wara domanda tax-xhud, Mifsud qallu li jikkunsidrah tal-valur ta' £9. Wara li rriferixxa dak li kien ġara lill-konvenut Antonio Cauchi, u speċjalment li Mifsud ried il-modd qamħ, dan wera ċerta titubanza biex jaċċetta dik il-kondizzjoni, sal-pont li ħareġ bl-espressjoni:— "Intant modd qamħ irid?" U meta x-xhud irrispondih li min kellu jiżra' żara', u qallu wkoll "modd qamħ ma tiddubbahx?", il-konvenut qallu:— "Mhux għalhekk, imma l-lum, kif aħna, modd qamħ kulħadd jaħseb fih". Żied ukoll li huma qamħ għandhom, imma ma jixtieqx inaqqas minnu............... Allura meta x-xhud ra li kważi l-konvenut kien sejjer jirrespinġi dik il-kondizzjoni, staqsieh:— "Allura x'nagħmel inkompli għalija (ċjoè nakkwista jiena r-raba') jew inkompli għalihom?" Fl-aħħarnett il-konvenut qallu illi jgħid lil ħutu u jkun kollox sewwa;

Tikkunsidra;

Illi wara li ġie fissat il-kuntratt, u x-xhud informa n-nutar kif il-kuntratt kellu jsir, ċjoè l-prezz ta' £14, ħames

liri (£5) flus u £9 permuta ma' modd qamħ, u stabbilew il-gurnata, il-konvenuti aċċettaw, u l-kuntratt ġie publikat hekk. Il-permuta tant kienet reali, illi wara li ġie publikat il-kuntratt il-konvenut Antonio Cauchi staqsa lil Ġanni Mifsud:— "Meta tridni nġiblek il-modd tal-qamħ?"; u Mifsud irrispondih li ma kellux għaġla, iżda meta jkunu telgħin in-naħa tiegħu jġibuhulu, jew inkella jekk iridu qabel jibgħat għalih;

Tikkunsidra;

Illi wara li ġie publikat il-kuntratt, ix-xhud Naizer qal lil Ganni Mifsud li d-darba ta' qabel kien qallu li huwa jrid modd qamħ ukoll għax minnu jista' javanza xi ħaġa minħabba ż-żmenijiet, mentri l-£14 jibqgħu £14 fil-kexxun, u allura pproponielu li jagħtih £2 qliegħ u jagħtih lilu; Mifsud aċċetta, anzi rringrazzjah, għax qallu illi l-idea tiegħu kienet li jagħmel profitt simili. Naizer tah £11 tal-qamħ u l-qamħ sar ta' Naizer; wara rriferixxa dan id-diskors lill-konvenuti, li Naizer assikura li ma kienu jafu xejn bih, u dawn tawh il-£11 u l-qamħ baqa' għandhom;

Tikkunsidra;

Illi, meħuda konsiderazzjoni taż-żmien li konna fih, April ta' l-1942, li kienet l-agħar epoka, modd qamħ ma kienetx ħaġa li wieħed jiddisprezza, anzi kienet ħaġa riċerkata; u għalhekk huwa verosimili li Mifsud ried qamħ, mhux għax riedu għalih, imma għax kien jaf li minn dak il-modd qamħ huwa kien jaqla' iżjed; infatti qala' £2 oħra, u s-somma totali ta' l-operazzjoni, minflok £14, kienet ta' £16;

Tikkunsidra;

Illi ma hemm ebda raġuni biex ma tkunx emmnuta x-xhieda ta' Antonio Naizer, li hija mogħtija b'eżattezza kbira, apparti kwalunkwe konsiderazzjoni oħra fuq il-validità u l-illiċejità ta' l-operazzjoni, peress illi l-qamħ ma setax la jitpartat u lanqas jinbiegħ, ħaġa li teżula mill-kawża preżenti;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tilqa' l-appell tal-konvenuti u tiddikjara li l-permuta li saret bein Vincenza mart Giovanni Mifsud u l-konvenuti tal-modd qamħ in okkażjoni tal-kuntratt tas-16 ta' April 1942, fl-attijiet tan-Nutar Emmanuele Agius kienet reali, u għal-

hekk tirrespinġi l-ewwel talba ta' l-atturi; u tiddikjara li ma hemmx lok li jkun provvdut fuq it-tieni talba, salva u impreġudikata l-kwistjoni jekk l-oġġett kienx leċitu jew le; bl-ispejjeż kollha taż-żewġ istanzi kontra l-atturi appellati. U għalhekk tirrevoka s-sentenza li minnha hemm appell, mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' Jannar 19[illegible]